MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 333/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Muscat)**
**Vs**

**Carmel Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn l- ahhar snin, f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzjoni wahda;

a. b' mezzi kontra l- ligi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal- persuna ohra, is-somma ta' iktar minn Lm1,000 ghad-dannu tal- kumpanija J&J Gauci Granite Ltd. bin-numru ta' registrazzjoni C21612, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat; liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu; dan bi ksur ta' l- Artikoli 18, 293 u 294 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu mhux sew minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li kienet ta' hsara ghall-persuna ohra, jew bl-istess hsieb, zied fuq karta mhux in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola; dan bi ksur ta' l-arikolu 18 u 297 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi, iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu minnhom; dan bi ksur ta' l-artikoli 18, 167 u 169 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

d. fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi jew helsien minn oblligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; dan bi ksur tal-artikoli 18, 183 u 184 tal- Ligijiet ta' Malta.

e. fl- istess data, hin u lok ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tghamel hsara lil xi persuna jew iggib utli; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura falza; dan bi ksur ta' l-artikoli 18, u 187 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tgharif falz; dan bi ksur ta' l- artikoli 18 u 188 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

g. fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi

dokument iehor falsifikat; dan bi ksur ta’ l- artikoli 18 u 189 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
h. fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta tali reati, filwaqt li kien uffijcal jew impjegat pubbliku, b’ hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi; dan bi ksur ta’ l- artikoli 18 u 141 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 141, 167, 169, 183, 184, 187, 188, 189, 293, 294 u 297 kif ukoll l-artikolu 337(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ tlettax (13) il-xahar liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, gie sospiz ghal perjodu ta’ tlett (3) snin.
Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem car ir-responsabbilita’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Carmel Aquilina ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, huma fil-qosor, is-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti piena ta' tlittax il-xahar prigunerija stante li hija applikat l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm il-periodu mimimu ta' prigunerija fil-kaz odjern huwa ta' tlittax il-xahar prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 dan il-*minimum* joghola skond l-artikolu 31 ghal tmintax il-

xahar prigunerija peress li l-piena tassattivament tizdied bi grad. Inoltre stante li l-Ewwel Qorti applikat ukoll l-arikolu 18 tal-Kap.9, il-*minimum* ta' prigunerija huwa ta' sentejn prigunerija. L-uniku mezz li bih l-Ewwel Qorti setghet taghti piena taht il-minimu kien li tapplika l-art. 21 tal-Kap.9 imma dan ma jirrizultax li ghamlitu u, f' kull kaz, ma kien hemm ebda cirkostanzi w ragunijiet specjali w straordinarji li setghu iwassluha biex tapplika dan l-artikolu. Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx fix-xorta jew fil-kwantita' taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mir-reati kollha ammessi mill-appellant, l-aktar wiehed gravi hu dak li jissema fl-imputazzjoni bl-ittra "d." u cioe' r-raba' imputazzjoni, liema reat hu kontemplat fl-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Il-piena ghal dan ir-reat hija dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Inoltre, peress li l-appellat ammetta l-addebitu li kkommetta dar-reat fil-waqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku u b' hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kodici Civili, hu kellu jehel il-piena stabilita ghal dak ir-reat mizjud bi grad. Dan allura tassattivament kien skond l-art. 31 tal-Kodici Kriminali itella' l-minimu tal-piena ghal dik ta' tmintax il-xahar prigunerija. Sa hawn l-appellant ghandu ragun u l-piena minima assoluta fil-kaz ta' dan ir-reat kienet dik ta' tmintax il-xahar prigunerija fuq ir-raba' imputazzjoni biss.

L-appellant pero' m'ghandux ragun meta jghid li ghax l-appellat instab hati ta' reat kontinwat, allura l-piena kella bil-fors tizdied bi grad iehor ghal dik ta' sentejn prigunerija. Dan ghaliex iz-zieda tal-piena bi grad jew zewg gradi hija wahda fakoltattiva w mhux tassattiva. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx obbligata li tapplika tali zieda skond il-ligi.

Illi pero' l-appellat ma ammettiex u nstab hati biss tar-raba' imputazzjoni izda nstab hati ukoll ta' reati ohra. Issa fil-waqt li t-tieni, t-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba imputazzjonijiet jistghu jitqiesu assorbiti, ghall-fini tal-piena, fir-raba' imputazzjoni, ghaliex jezisti l-konkors formali jew ideali bejnithom u bejn din l-imputazzjoni, jew inkella ghaliex ir-reati servew bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess xi wiehed mir-reati l-ohra, ir-reat ta' approprjazzjoni indebita taht l-ewwel imputazzjoni hu separat u distint u trid tinghata piena ghalih, sia pure bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.

Il-piena ghal dar-reat li jaqa' taht l-ewwel imputazzjoni skond l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali hija dik ta' bejn seba xhur sa sentejn prigunerija. Anki hawn il-*minimum* irid jizdied bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap.9 u minn wiehed ta' seba xhur jizdied ghal dak ta' disa' xhur skond l-art. 31.

Bir-regola tal-konkors tal-pieni kontemplata fl-art.l7(b) tal-Kap.9, il-piena ghar-raba' imputazzjoni trid allura tizdied b' mhux inqas minn terz u mhux izjed minn-nofs ta' din il-piena minima ta' disa' xhur prigunerija kontemplata ghar-reat skond l-ewwel imputazzjoni w cioe' bi tlitt xhur (f' kaz ta' terz 1/3) u b' erba xhur u nofs (f' kaz tan-nofs 1/2).

Konsegwentement il-piena minima erogabbli mill-Ewwel Qorti kienet dik ta' sena w disgha xhur prigunerija jekk tizdied terz tal-piena minima ghall-ewwel imputazzjoni w ta' sena u ghaxar xhur u nofs jekk tizdied in-nofs tal-piena minima ghall-istess reat.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma qalitx li qed tapplika l-artikolu 21 biex teroga piena inqas mill-minimu permess mill-ligi w lanqas iccitat dan l-artikolu jew semmiet xi ragunijiet specjali jew straordinarji li setghu jititolawha li, bl-applikazzjoni tieghu, tinzel taht il-*minimum*.Ghalhekk kienet prekluza milli taghmel dak li ghamlet.

Ma hemm ebda aggravju *per se* dwar l-applikazzjoni tal-art. 28A tal-Kodici Kriminali mill-Ewwel Qorti, u galadarba

l-piena minima, kif fuq espost, ma teccedix is-sentejn prigunerija, l-Ewwel Qorti, ghall-motivi kollha minnha msemmija fis-sentenza appellata, kellha kull ragun u dritt li tapplika tali provvediment kif fil-fatt ghamlet.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher pjenament gustifikat u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w minnu stess ammessi w billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' tlittax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin u minnflok tkkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sena, ghaxar xhur u gimghatejn  prigunerija, b' dana li, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mill-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija .

Il-Qorti qed tfiehem lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jkkommetti matul il-periodu operattiv ta' erba snin reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fl-ahhar nett, il-Qorti qed tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------